# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

***Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD. Mag.Jur. (Euro Law).***

***<u>Drogi 219/98</u>***

***Il-Pulizija***

***Spettur Norbert Ciappara***

***v***

***Joseph Attard***

Illum 05 ta' Frar 2001

Il-Qorti,

Rat-Semghet – Ikkunsidrat:-

***<u>Akkuzi</u>***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Joseph Attard huma bazati fuq is-segwenti reati:

**Traffikar** tad-droga eroina;

**Pussess Illegali (semplici)** tal-istess droga u ta’ medicina specifikata u psikotropika;

**Falsifikazzjoni** ta’ biljetti foloz, **Tmexxija** u **Pussess** tal-istess a tenur tal-Artikoli 45 u 46 tal-Kap.204.

***Kwadru tal-fatti***

Illi l-kaz origina minn rapport li sar mill-awtoritajiet tal-Isptar fis-17 ta' April 1998 li dak in-nhar kien gie ezaminat l-imputat u dan kien instab li kien qed ibati minn overdose tad-droga eroina. Il-pulizija intervjeniet u fl-20 ta' April interrogat lill-imputat li rrilaxxja stqarrija konfermata minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Illi in sostanza l-imputat ammetta li huwa kien jabbuza mid-droga eroina, u mill-provi jidher li huwa dependenti fuq din id-droga, ammetta wkoll li kien ha pilloli valium minghajr il-preskrizzjoni skond il-ligi. L-imputat spjega li fil-15 ta' April 1998 huwa kien mar ghand persuna sabiex jixtri d-droga minghandha; izda din il-persuna ma kellhiex qaltlu li ma kellhiex droga x' tghatih u minflok tghatu somma ta' flus (LM40) bl-istruzzjoni specifika li jixtri droga minghand persuna spicifikata minnu, u wara, jghaddi d-droga lilu, imbaghad jghatih *"daqqa"* cioe' droga biex jinqeda.

L-imputat ghamel kif qaltlu din il-persuna. Sussegwentement kien hemm okkazjonijiet ohra meta l-imputat xtara id-droga fuq l-istruzzjonijiet ta' u ghal din il-persuna u dan sabiex jakkwista droga biex jinqeda; izda f' okkazzjoni minnhom l-imputat ma setghax jixtri id-droga, u meta mar lura ghand din il-persuna li kienet ghaddhietlu l-flus, huwa ra l-pulizija fl-inhawi fejn ir-remissa li fiha s-soltu jkun minn din il-persuna u ghalhekk iddecieda li jzomm il-flus u jmur id-dar.

Illi sussegwentement bil-flus li kienet tghatu dik il-persuna l-imputat xtara, f' okkazzjonijiet separati, droga ghal-uzu tieghu personali, u anki ta' minnhom lill-hbiebu biex jinqdew.

Illi l-imputat fil-frattemp induna li l-flus li kienu nghataw lilu kienu foloz; izda, cio' nonostante u nonostante ukoll li huwa vverifika dan il-fatt, xorta baqa' jixtri d-droga bihom.

***Konsiderazzjonijet tal-Qorti***

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tosserva li f' dan il-kaz jikkonfiguraw fil-konfront tal-imputat odjern ir-reati ta' **Pussess Illegali (semplici)** tad-droga eroina u pilloli li

jikkwalifikaw bhala medicina specifikata u psikotropika; **Traffikar** tad-droga eroina; **Pussess ta' flus foloz** kif ukoll talli xjentement **mexxa dawn il-flus**.

***Piena***

Illi in propositu ghall-piena il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat, kif ukoll hadet in konsiderazzjoni dak li xehdet is-*social worker* fil-konfront tieghu.

Jirrizulta car u manifest ghal din il-Qorti li kienet **id-dependenza tieghu** fuq id-droga li wasslitu ghar-reat ta' Traffikar, bil-mod fuq deskritt, kif ukoll ghall-attivita' kriminuza konsistenti fl-uzu tal-flus foloz sabiex jakkwista id-droga. Id-dependenza tieghu fuq id-droga giet esploitata minn dik il-persuna li kienet tfornih bid-droga li kellu bzonn, b' mod li kien involvih fl-attivita' ta' traffikar. Dan il-fattur fil-fehma tal-Qorti u f' dan il-kaz partikolari ghandu effett mitigatorju relevanti; minn naha l-ohra pero' dan ma jezonerax lill-imputat mir-responsabilta' kriminali ghal-eghmil kriminuz tieghu, ghax minflok jinvolvi ruhu fir-reat ta' Traffikar huwa kellu xelta ohra, u cioe' li jitlob l-ghajnuna sabiex jikkura ruhu.

Minn naha l-ohra din il-Qorti ma tistax tinjora, **il-hsara li r-reat ta' Traffikar**, fil-forom u livelli diversi tieghu, jikkaguna lis-socjeta'. Ghaldaqstant il-Qorti fir-rigward ta' dan ir-reat ser timponi piena karcerarja adegwata sabiex isservi bhala deterrent effettiv kemm fuq livell individwali kif ukoll fuq livell individwali; u fil-frattemp l-imputat ghandu jusufruwixxi mill-ghajnuna li tista' tinghata lilu fil-parametri tar-regolamenti tal-Habs.

Fattur iehor li l-Qorti, *ex lege*, ghandha tikkonsidera f' materja ta' piena, huwa d-dikjarazzjoni da parti tal-prosekuzjoni mghamula fl-udjenza tal-18 ta' Ottubru 2001, li l-imputat ghen il-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom u li ghalhekk fil-fehma tal-Ufficjal Prosekutur ghandu jibbenefika minn diminuzzjoni fil-piena skond l-artikolu 29 tal-Kap.101. F' dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehma li t-tnaqqis fil-piena ghandu jkun ta' nzul minn grad wiehed .

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

Ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi (a)(b) u (c), u wara li rat r-regolamenti 4 u 8 tal-GN 292/39, r-regolament 5 tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikolu 22(2)(b)(I) tal-Kap.101, u l-Artikolu 17 tal-Kap.9, u tikkundannah ghal piena komplessiva ta' ***prigunerija ghall-zmien ghaxar xhur u multa ta' hames mitt lira maltin (LM500).***

Ssib lill-imputat hati tal-akkuzi (d) u (e), limitatament ghal-pussess illegali tal-flus foloz u ghat-tmexxija taghhom, skond l-Artikoli 45 u 46 tal-Kap.204, izda in vista tac-cirkostanzi tal-kaz, u tal-fatt li dan ir-reat ghandu bhala bazi tieghu d-dependenza tal-imputat fuq id-droga, jidhrilha li ghandha takkordalu l-beneficcju tal-liberta' kondizzjonata; ghaldaqstant ***tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sentejn a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kap.152***

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari is-sinifikat ta' dan il-provvediment, skond il-ligi.

***Illi inoltre tissollecita lill-awtoritajiet kompetenti addetti mas-CCF sabiex jiehdu dawk il-misuri permessibbli skond il-ligi, diretti biex jghinu lill-imputat fil-problema tieghu.***

In fine tordna d-destruzzjoni tad-dokument MSC.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***

***Vera Kopja***

***Bruno Zahra***
***Deputat Registratur***